MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 308/2009

**A B C**
**vs**
**D E, Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**u F C nominata kuratrici deputata**
**sabiex tirrapprezenta lill-minuri G E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi r-rikorrent kellu relazzjoni ma' l-intimata D E ghal diversi xhur u minn din ir-relazzjoni twieled tifel jismu G fit-3 ta' Gunju 2008.

Illi fuq l-att tat-twelid l-intimata D E rregistrat it-tifel minuri G mad-Direttur tar-Registru Pubbliku bhala 'father unknown'.

Illi r-rikorrenti jrid jaghraf u jirrikonoxxi lil minuri G bhala ibnu peress illi huwa l-missier naturali tieghu, u ghalhekk permezz ta’ ittra ufficjali datata 9 ta’ Frar 2009, ai termini ta’ l-Artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, huwa nnotifika lil omm il-minuri, l-intimata D E, bl-istess ittra ufficjali fis-16 ta’ Frar 2009, u dana kif jidher mill-anness kopja legali tal-ittra ufficjali markata bhala Dok. B.

Illi l-intimata D E naqset milli tipprezenta n-nota taghha fl-atti tal-ittra ufficjali fi zmien xaharejn ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex tghid li hi taqbel li ssir dik ir-registrazzjoni, u minhabba dan in-nuqqas, ma setghax isir l-imsemmi registrazzjoni fl-att tat-twelid tat-tifel minuri.

Illi peress li l-intimata D E ma wegbitx ghat-talba tar-rikorrenti fi zmien xaharejn kif indikat fl-Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u peress ir-rikorrent ghandu kull interess li jirrikonoxxi t-tifel minuri bhala ibnu, u li jassigura li ssir ir-registrazzjoni f’ dan is-sens fuq l-att tat-twelid tat-tifel minuri G E bin-numru 1947/2008, u fuq kwalsiasi att tal-istat civili relattiv.

Jitlob ir-rikorrent li jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti A B C huwa l-missier naturali tat-tifel minuri G li twieled fit-3 ta’ Gunju 2008, frott ta’ relazzjoni bejnu u bejn l-intimata D E;

2. Tordna li ssir ir-registrazzjoni tar-rikorrent A B C bhala missier il-minuri G fl-att tat-twelid tal-istess minuri, mill-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku, u kull fejn jehtieg.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 9 ta’ Frar 2009, kontra l-intimata D E minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li biha rrisponda li:

1. Illi preliminarjament l-esponent m' huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi probatorji ghalkemm f' dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess, b' referenza ghat-tieni talba tar-rikorrenti l-esponenti jinvita lill-istess rikorrenti sabiex permezz ta' nota guramentata jispecifika (i) id-dokument tal-identita' tieghu, (ii) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri G, (iii) il-post fejn twieled, (iv) il-post fejn kien joqghod meta twieled it-tifel G, (v) isem u kunjom missieru u (vi) jekk missieru kienx haj jew mejjet meta twieled it-tifel de quo. Dawn id-dettalji huma mehtieg biex jigu inseriti fl-att tat-twelid numru 1947 tas-sena 2008;

3. Illi minghajr pregudizzju u l-partijiet kontendenti jridu wkoll jiddeciedu liema kunjom ha jassumi l-imsemmi minuri G fl-eventwalita' li tintlaqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti. Dan qed jigi rilevat in ottika tal-Artikolu 92 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwankwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m' hijix attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m' ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat li l-konvenuta D E baqghet kontumaci;

Rat r-rapport xjentifiku tad-DNA mahluf mill-Analista Paul Sultana u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar [Fol.31 et seq.];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Seghmet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel G E, li twieled mill-konvenuta D E fit-3 ta’ Gunju 2008, u li fuq l-att tat-twelid tieghu li jgib in-numru 1947/09 jinsab registrat bhala wild ta’ missier mhux maghruf, huwa fil-fatt it-tifel naturali tieghu; kif ukoll sabiex issir id-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid.

Illi mill-provi jirrizulta sodisfacentement provat li minn relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta D E twieled it-tifel G fit-3 ta’ Gunju 2008, u li dan gie registrat fir-Registru Pubbliku bhala wild ta’ missier mhux maghruf. In propozitu l-attur jghid li huwa ried li t-tifel jigi registrat fuq ismu, ghalkemm sussegwentement f’ mumenti ta’ rabja kien qal lill-konvenuta li ma riedux fuq ismu; filwaqt li l-konvenuta tghid li l-attur ma riedx li t-tifel jigi registrat fuq ismu.

Illi, wara t-twelid tat-tifel, u wara r-registrazzjoni tieghu, saru t-testijiet xjentifici tad-DNA fuq talba ta’ l-attur; u mir-rizultanzi ta’ dawn it-testijiet, irrizulta li fil-fatt l-attur huwa l-missier naturali u bijologiku tat-tifel G.

Illi permezz ta’ ittra ufficjali prezentata fid-9 ta’ Frar 2009 maghmula fit-termini ta’ l-artikolu 86 tal-Kap.16 l-attur beda l-proceduri sabiex jirrikonoxxi lit-tifel bhala ibnu, izda, ghalkemm il-konvenuta D E kienet giet notifikata bl-istess fis-16 ta’ Frar 2009, hija naqset li tirrispondi fit-termini ta’ l-artikolu precitat, u ghalhekk, l-attur ma kellux triq ohra hlief li jistitwixxi l-proceduri odjerni biex jigi dikjarat minn din il-Qorti missier il-minuri.

Fid-dawl tal-premess, l-ispejjez tal-proceduri odjerni ser jigu allokati lill-konvenuta D E, filwaqt li dawk ta’ relattivi ghall-ittra ufficjali ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet genituri.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici; u tiddikjara li l-attur A B C huwa l-missier naturali tat-tifel G li twieled mill-konvenuta D E fit-3 ta' Gunju 2008; u tordna l-konsegwenzjali korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 1947/2008.

L-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom jkunu kollha a kariku tal-konvenuta D E, filwaqt li dawk relattivi ghall-ittra ufficjali ghandhom jigu sopportati konguntivament bejn l-attur u l-istess konvenuta fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------